MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tad-19 ta' Frar, 2014

Appell Kriminali Numru. 103/2012

**Appell Nru. 103/2012**

**Il-Pulizija**
**(Spt. Ramon Mercieca)**
**Vs**
**George Attard**

**Illum 19 ta’ Frar, 2014**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellat [detentur tal-karta tal-identita` numru 151255(M)] quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali talli:

Ghan-nom u in rapprezentanza ta’ Geot Trading Ltd u/jew bhala persuna registrata mal-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, naqas illi jikkonferma ruhu mas-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) datata 25 ta’ Frar, 2010, u moghtija fil-konfront tieghu in kwantu li naqas kif ordnat fl-imsemmija sentenza li fi zmien tlett xhur mid-data tas-

sentenza, li jikkonforma ruhu mal-ligi u fin-nuqqas jehel multa ohra ta' €15 (hmistax –il Euro) ghal kull jum li matulu jkompli n-nuqqas wara li jghaddi l-imsemmi zmien.

Ghalhekk il-prosekuzzjoni talbet li l-imsemmi appellant jigi kkundannat li jhallas il-penali msemmija fis-sentenza fuq riferita ghall-perjodu li jibda mis-26 ta' Mejju 2010 sal-31 ta' Dicembru 2010, salv kull penali ghal nuqqas ulterjuri.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-23 ta' Frar, 2012, li biha l-Qorti sabet lill-appellant hati ta' l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u kkundannatu ghal hlas ta' multa ta' €3,300 (tliet elef, tliet mitt Ewro), multa rapprezentanti l-perjodu ta' bejn is-26 ta' Mejju 2010 sal-31 ta' Dicembru 2010.

Rat ir-rikors tal-appella ta' George Attard minnu pprezentat fil-5 ta' Marzu 2012, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirrevoka u tannulla s-sentenza appellata tat-23 ta' Frar 2012 kuf ukoll is-sentenza tal-25 ta' Frar 2010, tirrevoka l-multa ta' disprezz tal-Qorti nflitta fuq l-appellant erronjament u tiddikjara lill-appellant mhux hati tal-akkuzi dedotti fil-konfront tieghu, u tilliberah minnhom.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellat huwa s-segwenti w cioe':-

Illi fit-22 ta' Frar 2012, wara li l-appellant gie misjub hati, huwa awicina l-avukat sottoskritt li kien ippatrocinah fl-okkazjoni li hu kien deher quddiem l-Onorabbli Qorti, u cioe fis-17 ta' Frar 2011, kif jirrizulta mill-komparixxi hawn annessa u mmarkata Dok 2. Dakinhar, kif jirrizulta, l-akkuzi dedotti kontra tieghu kienu gew irtirati.

Illi minn tiftix li sar fl-atti tal-processi tas-seduti tat-taxxa fuq il-valur mizjud tal-Onorabbli Qorti, irrizulta li fl-2008, id-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud kien istitwixxa proceduri kontra zewg persuni, it-tnejn jisimhom George

Attard, wiehed bil-karta tal-identita' numru 151255M (l-appellant odjern) u l-iehor bil-karta tal-identita' numru 229955M.

Illi l-appellant kien akkuzat li ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' GEOT TRADING LTD, naqas li jibghat id-denunzja ta' taxxa ghaz-zmien li ntemm fil-31 ta' Jannar 2005, izda qatt ma gie notifikat b'dawn l-atti (Dok 2).

Illi George Attard l-iehor (1.D. 229955M) kien qieghed jigi ppatrocinat mill-Avukat Chris Cardona, li fil-fatt deher iktar minn darba ghalih u anke talab xi differimenti kif jirrizulta mill-atti.

Illi jirrizulta mill-prime note li George Attard (I.D. 229955M) kien deher fis-seduta tat-22 ta' Jannar 2009 assistit din id-darba mill-Avukat Matthew Brincat, f'liema seduta hu ammetta l-akkuza dedotta kontra tieghu u wehel multa ta' mitejn hamsa u tletin ewro (€235), kif iidher mid-dokument anness u mmarkat Dok 3.

Illi jinizulta izda li minkejja li kien ammetta l-akuza dedotta kontra tieghu, l-istess George Attard (ID. 229955M) fis-seduta tat-taxxa fuq il-valur mizjud ta' wara tas-26 ta' Marzu 2009, ipprezenta kopja ta' certifikat mediku fil-proceduri tal-appellant odjern u talab differiment ghaliex ma setax jattendi l-Qorti. Dan iddahhal, peress li l-atti tieghu kienu maghluqa fuq ammissjoni tieghu stess fl-atti tal-appellant odjern, li dak iz-zmien kien ghadu mhux notifikat bl-atti tieghu (Dok. 4).

Illi jidher li l-istess George Attard (ID 229955M) –

- beda jattendi fl-atti u proceduri li ma kinux tieghu minkejja li kellhom l-istess isem, biss il-karta tal-identita' hemm imnizzla kienet tal-appellant odjern,
- gie notifikat b'dawn l-atti ghas-seduta tal-4 ta'Gunju 2009,
- rega' gie notifikat ghas-seduta tal-24 ta' Settembru 2009 u pprezenta certifikat mediku iehor ghal din l-istess seduta,

- fis-26 ta' Novembru 2009, huwa m'attendiex il-Qorti u wehel disprezz ta' mija u ghoxrin ewro (€120),

- fil-25 ta' Frar 2010 jidher li deher il-Qorti u ammetta l-akkuzi dedotti kontra tieghu u rega' wehel multa ta' mitejn hamsa u tletin ewro (€235) li kellha tithallas fi zmien tliet xhur u fin-nuqqas, tiskatta multa kuljum ta' hmistax-il ewro (€15) (Dok 5).

Illi jirrizulta ghalhekk li George Attard (I.D. 22gg55M), minkejja li kien ammetta l-akkuzi dedotti kontra tieghu, baqa' jidher il-Qorti fuq akkuzi dedotti kontra l-appellant odjern. Dan jirrizulta lampanti ghaliex fl-atti tal-appellant odjern hemm certifikati medici li juru n-numru tal-kartatal-identita ta' George Attard (I.D.229955M); jirrizulta wkoll mill-prime note li fl-ahhar seduta, dik tal-25 ta' Frar 2010, George Attard li deher kien assistit mill-Avukat Chris Cardona.

Illi l-appellant jiddikjara li hu lanqas biss jaf lill-Avukat Chris Cardona, li qatt ma nkarigah sabiex jidher ghalih u li l-uniku avukat li qatt ippatrocinah fil- kwistjoni dwar taxxa fuq il-valur mizjud li kellu kien is-sottoskritt Avukat Peter Fenech.

Illi meta l-appellant kien deher debitament assistit mill-Avukat Peter Fenech fil-proceduri presjeduti mill-Magistrat Doreen Clarke fis-17 ta Frar 2011, huwa kien wera l-prova li hu kien ilu li rrizenja minn direttur ta' din is-socjeta mill-2000, cioe' hdax -il sena qabel, u l-prosekuzzjoni kienet irtirat il-proceduri fil-konfront tieghu.

Ili di piu, illum jirrizulta wkoll li l-istess appellant kien rinfaccjat b'multa ta' disprezz fl-ammont ta' mija u ghoxrin ewro (€120), li fil-fatt jiiizulta li kienet multa nflitta fil-konfront ta' George Attard (I.D.229955M). Dan ma kienx jafu l-appellant meta l-Qorti, fuq talba tieghu, ma rrevokatx din il-multa contrario imperio. Din ukoll ghalhekk giet attribwita erronjament lill-appellant.

Illi mill-fotokopji tal-processi, dan kollu jirrizulta ppruat, senjatament li persuna baqa' jidher, minkejja li kien ammetta l-akkuzi dedotti fil-konfront tieghu, u peress li l-istess ma kienx baqaghlu akkuzi fil-konfront tieghu izda spicca jidher fl-atti tal-appellant odjern minghajr hadd ma nduna l-izball.

Ikkunsidrat.

Irrizulta illi l-appellant kien f'xi zmien direttur tal-kumpanija bl-isem ta' Geot Trading Limited li minnha kien irrezenja bhala direttur fis-sena elfejn (2000) u qatt ma kien gie immultat multa f'seduta dwar it-taxxa fuq il-valur mizjud la fi zmien illi fih kien responsabbli ghas-socjetà bhala direttur u lanqas wara u li l-unika darba illi kien gie rinfaccjat b'akkuzi ta' ksur tal-ligi tat-taxxa fuq il-valur mizjud kien fis-sbatax (17) ta' Frar tal-elfejn u hdax (2011) u ghall-istess raguni, cioé dik tar-rizenja tieghu fis-sena elfejn (2000) l-akkuzi gew irtirati. Fi Frar tal-elfejn u tnax (2012), però, gie mitlub jitla' l-Qorti jirrinfaccja l-akkuza illi huwa kien naqas, bhala persuna già misjub hati in rapprezentanza Geot Trading Limited jew bhala persuna registrata mal-Kummissarju tat-Taxxa Fuq il-Valur Mizjud, jikkonforma ruhu mas-sentenza tal-Qorti ta-Magistrati tal-hamsa u ghoxrin (25) ta' Frar tal-elfejn u ghaxra (2010). Irrizulta però illi dakinhar illi gew irtirati l-akkuzi fil-konfront tal-appellant fis-sbatax (17) ta' Frar elfejn u hdax (2011), f'dik is-seduta kien hemm George Attard iehor (ID 229955M) assistit mill-Avukat Chris Cardona li l-kawza tieghu tkompliet.

Fil-hamsa u ghoxrin (25) ta' Frar elfejn u ghaxra (2010) dan l-ahhar George Attard deher il-Qorti u ammetta l-akkuzi dedotti kontra tieghu u wehel multa ta' mitejn u hamsa u tletin ewro (€ 235) li kellha tithallas fi zmien tlett (3) xhur u fin-nuqqas tiskatta multa kuljum ta' hmistax-il ewro (€ 15). Jidher illi minn din id-data thalltu d-dokumenti u dawk ta' George Attard illi kellu l-gudikat fil-hamsa u ghoxrin (25) ta' Frar tal-elfejn u ghaxra (2010) bdew jitpoggew fil-file ta' George Attard l-appellant odjern biex b'hekk gie illi l-appellant odjern naqas illi josserva d-

dispozizzjonijiet tal-ordni tal-Qorti tal-hamsa u ghoxrin (25) ta’ Frar tal-elfejn u ghaxra (2010).

Paul Scicluna in rapprezentanza tad-dipartiment illi kien il-prosecuting officer fiz-zewg kazijiet ikkonferma quddiem il-Qorti illi seta’ ta l-kaz illi thalltu d-dokumenti u George Attard l-appellant mhuwiex l-istess George Attard illi kontra tieghu kien hemm dak il-gudikat ta’ Frar tal-elfejn u ghaxra (2010).

Ikkunsidrat:

Din il-Qorti tifhem illi tenut kont l-istess ismijiet mhuwiex difficli illi jithalltu d-dokumenti u l-appellant jigi mitlub jaghti spjegazzjoni ta’ xi haga illi naqas illi jaghmel George Attard iehor. Fl-aghar ipotesi, l-Qorti jidhrilha illi hemm dubbju ragjonevoli kemm dak George Attard l-appellant huwa l-istess persuna illi kontra tieghu inghatat gudikat fil-hamsa u ghoxrin (25) ta’ Frar tal-elfejn u ghaxra (2010). L-istess Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud mhuwiex car fuq l-identitajiet u tikkonferma illi setghu thalltu d-dokumenti.

Ovvjament b’xhieda bhal dawn din il-Qorti m’ghandhiex is-serenità illi tiddikjara lill-appellant hati tal-akkuzi migjuba kontra tieghu u ghalhekk jidhrilha illi ghandha tiddisturba d-diskrezzjoni tal-ewwel Qorti meta sabet htija fl-appellant.

Ghal dawn il-motivi, l-Qorti taqta’ u tiddeciedi li tilqa’ l-appell, tirrevoka u tannulla  s-sentenza appellata tat-tlieta u ghoxrin (23) ta’ Frar tal-elfejn u tnax (2012) kif ukoll is-sentenza tal-hamsa u ghoxrin (25) ta’ Frar elfejn u ghaxra (2010) fil-konfront biss tal-appellant. Tirrevoka l-multa ta’ disprezz tal-Qorti inflitta fuq l-appellant erronjament u tiddikjara lill-appellant mhux hati tal-akkuzi dedotti fil-konfront tieghu u tordna illi jigi liberat minn kull imputazzjoni u htija.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------